SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

6 ta' Lulju 2017 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trasport — Regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fl-Unjoni Ewropea — Regolament (KE) Nru 1008/2008 — Dispożizzjonijiet tariffarji — Artikolu 22(1) — Artikolu 23(1) — Informazzjoni mitluba matul il-preżentazzjoni tan-nollijiet offerti lill-pubbliku — Obbligu li jiġi indikat l-ammont reali tat-taxxi, ħlasijiet, ħlasijiet addizzjonali jew drittijiet — Libertà ta' tarifikazzjoni — Fatturazzjoni tal-ispejjeż tal-ipproċessar fil-każ tal-kanċellament tal-prenotazzjoni ta' titjira mill-passiġġier jew nuqqas ta' imbark — Protezzjoni tal-konsumaturi"

Fil-Kawża C-290/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (qorti federali tal-ġustizzja, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' April 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Mejju 2016, fil-proċedura

Air Berlin plc & Co. Luftverkehrs KG

vs

Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände - Verbraucherzentrale Bundesverband eV

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, E. Juhász, C Vajda, K. Jürimäe u C. Lycourgos (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: X. Lopez Bancalari, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Marzu 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Air Berlin plc & Co. Luftverkehrs KG, minn M. Knospe, avukat,

— għal Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände - Verbraucherzentrale Bundesverband eV, minn P. Wassermann, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn K. Stranz u T. Henze, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Mölls, K.-P. Wojcik u F. Wilman, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Settembru 2008, dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU 2008, L 293, p. 3).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn Air Berlin plc & Co. Luftverkehrs KG (iktar 'il quddiem "Air Berlin") u l-Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband eV (unjoni federali taċ-ċentri u assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, iktar 'il quddiem il-"Bundesverband"), dwar azzjoni għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mressqa mill-Bundesverband kontra prattiki ta'Air Berlin dwar l-espożizzjoni tal-prezzijiet u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ li jinsabu fis-sit Internet tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 93/13/KEE

3 L-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288), jiddikjara:

"1. Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' *buona fede*, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.

2. Klawżola għandha dejjem tiġi kkunsidrata li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment meta din tkun ġiet abbozzata minn qabel u l-konsumatur b'hekk ma jkunx seta' jinfluwenza s-sustanza tal-klawżola, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard imfassal minn qabel.

[…]"

4 Konformement mal-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva: "L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konklużż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

Ir-Regolament Nru 1008/2008

5 Skont il-premessa 16 tar-Regolament Nru 1008/2008:

"Il-klijenti għandhom ikunu jistgħu jqabblu b'mod effettiv il-prezzijiet għal servizzi ta' l-ajru bejn linja ta' l-ajru u oħra. Għalhekk, għandu dejjem ikun indikat il-prezz finali li jrid jitħallas mill-klijent għal servizzi ta' l-ajru li joriġinaw fil-Komunità, inklużi t-taxxi, l-ħlasijiet u d-drittijiet kollha. […]"

6 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

18) 'nollijiet ta' l-ajru' tfisser il-prezzijiet espressi f'euro jew f'muniti lokali li jkollhom jitħallsu lit-trasportaturi ta' l-ajru jew lill-aġenti tagħhom jew lil bejjiegħa oħra tal-biljetti għat-trasport ta' passiġġieri fuq servizzi ta' l-ajru u kwalunkwe kondizzjonijiet li taħthom japplikaw dawk il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kondizzjonijiet offruti lill-aġenzija u lil servizzi awżiljarji oħra;

[…]"

7 L-Artikolu 22 tal-imsemmi regolament, intitolat "Il-libertà ta' l-ipprezzar [tarifikazzjoni]" jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(1), it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji u abbażi ta' reċiproċità, it-trasportaturi ta' l-ajru ta' pajjiżi terżi, għandhom jistabbilixxu nollijiet ta' l-ajru u rati ta' l-ajru għal servizzi ta' l-ajru intra-Komunitarji."

8 L-Artikolu 23 tal-istess regolament, intitolat "Informazzjoni u non-diskriminazzjoni", jiddikjara, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"In-nollijiet ta' l-ajru u r-rati ta' l-ajru disponibbli għall-pubbliku in ġenerali għandhom jinkludu l-kondizzjonijiet applikabbli meta offruti jew pubblikati taħt kull forma, anke fuq l-Internet, għal servizzi bl-ajru minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għaliħ japplika t-Trattat. Il-prezz finali li għandu jitħallas għandu jkun indikat dejjem u għandu jinkludi n-noll jew ir-rata ta' l-ajru applikabbli kif ukoll it-taxxi kollha applikabbli, u l-ħlasijiet, il-ħlasijiet addizzjonali u l-drittijiet li ma jistgħux jiġu evitati u li jkunu prevedibbli fil-ħin tal-pubblikazzjoni. Minbarra l-indikazzjoni tal-prezz finali, għandu jkun speċifikat għall-inqas dan li ġej:

a) in-noll ta' l-ajru jew ir-rata ta' l-ajru;

b) it-taxxi;

ċ) il-ħlasijiet ta' l-ajruport; u

d) ħlasijiet, ħlasijiet addizzjonali jew drittijiet oħrajn, bħal dawk marbutin mas-sigurtà jew il-karburant;

fejn il-punti elenkati [fit-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) (b), (ċ) u (d)] jkunu żdiedu man-noll ta' l-ajru jew ir-rata ta' l-ajru. Is-supplimenti tal-prezz fakultattivi għandhom jiġu komunikati b'mod ċar, trasparenti u mingħajr ambigwità fil-bidu ta' kull proċess ta' prenotazzjoni u l-aċċettazzjoni tagħhom mill-klijent għandha tkun fuq bażi 'opt-in'."

Id-dritt Ġermaniż

9 L-Artikolu 307(1) u (2) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (BGB) (kodiċi ċivili), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"BGB"), jipprovdi:

"(1) Id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ ma humiex applikabbli meta huma jippreġudikaw indebitament u jkunu kontra l-prinċipji ta' *bona fide* lill-parti ko-kontraenti tal-persuna li tutilizzahom. […]

(2) Fil-każ ta' dubju, għandu jiġi rrikonoxxut żvantaġġ indebitu meta dispożizzjoni:

1. ma tkunx kompatibbli mal-kunċetti fundamentali tar-regolament legali li minnu hija tiddevja, jew

2. tillimita drittijiet jew obbligi essenzjali li jirriżultaw min-natura tal-kuntratt sal-punt li tikkompromettu t-twettiq tal-għan tal-kuntratt."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Fis-26 ta' April 2010, il-Bundesverband issimula prenotazzjoni fis-sit Internet ta' Air Berlin għal titjira sempliċi bit-tluq mill-ajruport ta' Berlin-Tegel (il-Ġermanja) u b'Köln (il-Ġermanja) bħala destinazzjoni. Matul l-ewwel stadju tal-prenotazzjoni, intweriet lista, fil-forma ta' tabella, tal-possibbiltajiet tar-rotot tal-ajru bi prezzijiet differenti. Wara l-għażla ta' waħda mir-rotot tal-ajru, dehret tabella b'elementi differenti u l-prezzijiet tagħhom, b'mod partikolari, l-ammont ta' EUR 3 bħala "Taxxi u ħlasijiet". Matul simulazzjoni oħra ta' prenotazzjoni mwettqa mill-Bundesverband fuq l-istess sit Internet, fl-20 ta' Ġunju 2010 għal titjira bir-ritorn bit-tluq minn Berlin-Tegel bi Frankfurt am Main (il-Ġermanja) bħala destinazzjoni, kien jidher l-ammont ta' EUR 1 bħala "Taxxi u ħlasijiet".

11 Skont il-Bundesverband, l-ammonti tat-taxxi u tal-ħlasijiet kif indikati fis-sit Internet ta' Air Berlin kienu ferm inferjuri għal dawk effettivament dovuti mill-kumpannija tal-ajru, minħabba l-iskedi tal-ħlasijiet tal-ajruporti kkonċernati, u kienu, konsegwentement, ta' natura li jiżgwidaw lill-konsumatur. Il-Bundesverband, peress li qieset li din l-espożizzjoni kienet tmur kontra t-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008, adixxiet il-Landgericht Berlin (qorti reġjonali ta' Berlin, il-Ġermanja) b'azzjoni għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ta' din il-prattika.

12 Fil-kuntest ta' din l-istess azzjoni, il-Bundesverband ikkontestat ukoll il-legalità tal-klawżola li tinsab il-punt 5.2 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ ta' Air Berlin, aċċessibbli fis-sit Internet ta' din tal-aħħar (iktar 'il quddiem il-"kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ"), li jipprevedu li Air Berlin tiġbor, bħala spejjeż tal-ipproċessar, ammont ta' EUR 25 għal kull prenotazzjoni u għal kull passiġġier fuq is-somma qabel ma jiġi rrimborsat lil dan tal-aħħar meta dan ma jippreżentax ruħu għal titjira jew meta jikkanċella l-prenotazzjoni tiegħu. Il-Bundesverband spjegat li din il-klawżola kienet tmur kontra l-Artikolu 307 tal-BGB, sa fejn kienet tiżvantaġġa b'mod indebitu l-ko-kontraenti tal-kumpannija tal-ajru. Hija żiedet li Air Berlin ma setgħetx teżiġi l-ħlas ta' spejjeż distinti għall-implementazzjoni ta' obbligu legali.

13 Il-Landgericht Berlin (qorti reġjonali ta' Berlin) laqgħet ir-rikors tal-Bundesverband u ordnat lil Air Berlin, taħt piena ta' sanzjonijiet, minn naħa, tieqaf milli turi, bħala "Taxxi u ħlasijiet", fl-espożizzjoni tal-prezzijiet għat-titjiriet fis-sit Internet tagħha, ammonti li ma jikkorrispondux ma' dawk li din il-kumpannija tal-ajru jkollha effettivament tħallas u, min-naħa l-oħra, li tneħħi l-punt 5.2 tal-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ.

14 Peress li l-appell li Air Berlin ippreżentat quddiem il-Kammergericht Berlin (qorti reġjonali superjuri ta' Berlin, il-Ġermanja) kien ġie miċħud, din il-kumpannija tal-ajru ppreżentat appell għal reviżjoni quddiem il-Bundesgerichtshof (qorti federali tal-ġustizzja, il-Ġermanja).

15 Il-Bundesgerichtshof (qorti federali tal-ġustizzja) tistaqsi lilha nnifisha, fl-ewwel lok, fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata lit-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008. Fil-fatt, fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-qorti għandha dubji dwar il-konformità tal-espożizzjoni tal-prezzijiet fis-sit Internet ta' Air Berlin mar-rekwiżiti imposti minn din id-dispożizzjoni.

16 Fit-tieni lok, l-imsemmija qorti tixtieq tikseb kjarifiki fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 22(1) ta' dan ir-regolament sabiex tiddetermina jekk ir-regola prevista f'din id-dispożizzjoni, li biha t-trasportaturi tal-ajru jistabbilixxu liberament in-nollijiet tal-ajru u r-rati tal-ajru għal servizzi tal-ajru ġewwa l-Unjoni, tistax tiġġustifika l-impożizzjoni, permezz tal-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ ta' Air Berlin, ta' spejjeż distinti ta' passiġġieri li ma jkunux ħadu titjira jew li jkunu kkanċellaw il-prenotazzjoni tagħhom.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof (qorti federali tal-ġustizzja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) It-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 għandha tiġi interpretata fis-sens li, fil-pubblikazzjoni tan-nollijiet tal-ajru tagħhom, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jispeċifikaw l-ammont effettiv ta' taxxi, ħlasijiet tal-ajruport u ħlasijiet oħra, ħlasijiet addizzjonali u drittijiet imsemmija taħt (b), sa (d) u ma jistgħux għalhekk jinkludu lil dawn tal-aħħar bħala parti min-nollijiet tal-ajru tagħhom, previsti taħt il-punt (a) ta' din id-dispożizzjoni?

2) L-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali relatata mad-dritt tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ, ibbażata fuq id-dritt tal-Unjoni, li tipprovdi li ma huwiex possibbli li jiġu ffatturati spejjeż ta' pproċessar distinti lill-klijenti li ma jkunux għamlu titjira jew li jkunu kkanċellaw il-prenotazzjoni tagħhom?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

18 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li, fil-pubblikazzjoni tan-nollijiet tal-ajru tagħhom, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jispeċifikaw l-ammont effettiv ta' taxxi, ħlasijiet tal-ajruport u ħlasijiet oħra, ħlasijiet addizzjonali u drittijiet imsemmija taħt il-punti (b) sa (d) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament, u ma jistgħux, għalhekk, jinkludu lil dawn tal-aħħar bħala parti min-nollijiet tal-ajru, imsemmija fil-punt (a) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tal-imsemmi regolament.

19 It-tieni sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 tipprevedi li, fil-pubblikazzjoni, inkluża fis-sit Internet, ta' nollijiet tal-ajru u rati tal-ajru offerti lill-pubbliku, "Il-prezz finali li għandu jitħallas għandu jkun indikat dejjem u għandu jinkludi n-noll jew ir-rata ta' l-ajru applikabbli kif ukoll it-taxxi kollha applikabbli, u l-ħlasijiet, il-ħlasijiet addizzjonali u l-drittijiet li ma jistgħux jiġu evitati u li jkunu prevedibbli fil-ħin tal-pubblikazzjoni". It-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi li, minbarra l-indikazzjoni tal-prezz finali, in-noll tal-ajru jew ir-rata tal-ajru għandhom ikunu speċifikati, kif ukoll it-taxxi, il-ħlasijiet tal-ajruport u ħlasijiet oħra, ħlasijiet addizzjonali jew id-drittijiet, bħal dawk marbuta mas-sigurtà jew mal-karburant, fejn dawn l-elementi jkunu ġew miżjuda man-noll tal-ajru jew mar-rata tal-ajru.

20 Skont Air Berlin, it-trasportaturi tal-ajru ma humiex obbligati jesponu separatament l-ammont tat-taxxi, tal-ħlasijiet tal-ajruport kif ukoll tal-ħlasijiet l-oħrajn, ħlasijiet addizzjonali jew drittijiet, elenkati fil-punti b), sa d) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 fil-każ fejn dawn l-elementi jkunu inklużi fin-noll tal-ajru, imsemmija fil-punt a) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, Air Berlin tqis li huwa biss il-prezz finali li huwa determinanti għall-finijiet li jippermetti lill-klijent jipparaguna l-prezzijiet differenti proposti mit-trasportaturi tal-ajru.

21 Il-Bundesverband, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni Ewropea jsostnu, minn naħa tagħhom, li t-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 timponi obbligu fuq it-trasportaturi tal-ajru li jispeċifikaw l-ammonti differenti li jikkomponu l-prezz finali.

22 Għandu jitfakkar li, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hemm lok li ma jittieħdux inkunsiderazzjoni biss kliemha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tagħha hija tagħmel parti (sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, ebookers.com Deutschland, C-112/11, EU:C:2012:487, punt 12 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Mill-kliem tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008, jirriżulta li l-obbligu li jiġi speċifikat tal-inqas in-noll tal-ajru kif ukoll it-taxxi, il-ħlasijiet tal-ajruport u l-ħlasijiet l-oħrajn, il-ħlasijiet addizzjonali jew id-drittijiet, meta dawn l-elementi jkunu żdiedu man-noll tal-ajru, tiżdied mal-obbligu li jirriżulta mit-tieni sentenza tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament li jiġi indikat il-prezz finali (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2015, Air Berlin, C-573/13, EU:C:2015:11, punt 44).

24 Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li ssostni Air Berlin, b'mod partikolari billi tinvoka l-premessa 16 tar-Regolament Nru 1008/2008, trasportatur tal-ajru li sempliċement isemmi l-prezz finali ma jissodisfax ir-rekwiżiti tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament, peress li dan tal-aħħar jimponi li jiġu indikati l-ammonti tal-elementi differenti li jikkomponu dan il-prezz.

25 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata bl-argument imressaq minn Air Berlin, li bih il-formulazzjoni stess tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 ma timponix obbligu fuq it-trasportaturi tal-ajru li jispeċifikaw l-elementi elenkati fil-punti b) sa d) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament ħlief "fejn [dawn] il-punti […] jkunu miżjuda man-noll tal-ajru" u mhux fejn huma kienu ġew inklużi fl-imsemmi noll.

26 Fil-fatt, il-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1008/2008, li jiddefinixxi l-kunċett ta' "noll tal-ajru" ma jsemmix it-taxxi, il-ħlasijiet tal-ajruport, il-ħlasijiet l-oħrajn, il-ħlasijiet addizzjonali u d-drittijiet bħala elementi inklużi fl-imsemmi noll. Minn dan isegwi li t-trasportaturi tal-ajru ma humiex awtorizzati jinkludu dawn l-elementi fin-noll tal-ajru li huma obbligati jispeċifikaw skont il-punt a) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament.

27 Kuntrarjament għal dak li ssostni wkoll Air Berlin, tali interpretazzjoni tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 ma jistax ikollha bħala effett li tirrendi din id-dispożizzjoni bla sens. Fil-fatt, il-frażi tas-sentenza "fejn il-punti elenkati [fil-punti (b), (c) u (d) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1)] jkunu żdiedu man-noll ta' l-ajru" hija manifestament intiża li tiddistingwi l-każ fejn it-trasportaturi tal-ajru jagħżlu li jpoġġu dawn l-elementi għall-ispejjeż tal-klijenti tagħhom jew jagħżlu li jbatuhom huma stess, peress li l-obbligu li jiġu speċifikati l-imsemmija elementi jeżisti biss fl-ewwel każ.

28 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-elementi differenti li jikkomponu l-prezz finali li għandu jitħallas, imsemmija fit-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008, għandhom dejjem jingħiebu għall-attenzjoni tal-klijent fir-rigward tal-ammonti li huma jirrappreżentaw f'dan il-prezz finali.

29 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-eżami kemm tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li d-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tifforma parti minnha, kif ukoll mill-kuntest tagħha.

30 L-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 huwa intiż li jiggarantixxi, b'mod partikolari, l-informazzjoni u t-trasparenza tal-prezzijiet tas-servizzi tal-ajru minn ajruport li jkun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru u li jikkontribwixxi, għaldaqstant, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-klijent li jagħmel użu minn dawn is-servizzi. F'dan ir-rigward, huwa jipprevedi obbligi ta' informazzjoni u ta' trasparenza f'dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet applikabbli

għan-nollijiet tal-ajru, il-prezz definittiv li għandu jitħallas, in-noll tal-ajru u l-elementi tal-prezz inevitabbli u prevedibbli li jiżdiedu miegħu, kif ukoll is-supplimenti fakultattivi tal-prezzijiet relatati ma' servizzi li jikkompletaw is-servizz tal-ajru fih innifsu (sentenza tat-18 ta' Settembru 2014, Vueling Airlines, C-487/12, EU:C:2014:2232, punt 32).

31 Issa, l-għan ta' informazzjoni u ta' trasparenza tal-prezzijiet ma jintlaħaqx jekk it-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 tiġi interpretata bħala li toffri għażla lit-trasportaturi tal-ajru jew li jinkludu t-taxxi, il-ħlasijiet tal-ajruport, il-ħlasijiet l-oħrajn, il-ħlasijiet addizzjonali u drittijiet fin-noll tal-ajru, jew li jindikaw dawn l-elementi differenti b'mod separat.

32 Barra minn hekk, interpretazzjoni differenti tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 tkun ta' natura li tneħħi kull effett utli minn din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, minn naħa, inklużjoni parzjali, fin-noll tal-ajru, tal-elementi ddikjarati fil-punti b) sa d) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 twassal biss li jiġu speċifikati ammonti li ma għandhomx konnessjoni mar-realtà. Min-naħa l-oħra, inklużjoni kompleta ta' dawn l-elementi fin-noll tal-ajru jkollha bħala effett li l-ammont indikat fin-noll tal-ajru jista' jkun ugwali għall-prezz finali li għandu jitħallas. Issa, l-obbligu li jiġi speċifikat il-prezz finali li għandu jitħallas huwa diġà previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament.

33 Fl-aħħar nett, għandu jiġi eżaminat l-argument ta' Air Berlin li bih l-indikazzjoni tal-ammonti reali tal-elementi msemmija fil-punti ċ), u d) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 tkun impossibbli, sa fejn dawn l-ammonti ma jkunux magħrufa fil-mument tal-prenotazzjoni tat-titjira.

34 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, meta jixtri biljett, il-klijent għandu jħallas prezz finali u mhux provviżorju. Konsegwentement, jekk l-ammont ta' ċerti ħlasijiet, ħlasijiet addizzjonali jew drittijiet, bħal dawk marbuta mal-karburant, ma jistax, kif issostni Air Berlin, ikun magħruf bi preċiżjoni ħlief meta titwettaq it-titjira, u xi kultant ukoll diversi xhur wara din it-titjira, l-ammont tat-taxxi, tal-ħlasijiet tal-ajruport u tal-ħlasijiet l-oħrajn, ħlasijiet addizzjonali u drittijiet imsemmija fil-punti b) sa d) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008, li għandhom jitħallsu mill-klijent, jikkorrispondu mal-istima magħmula mit-trasportatur tal-ajru fil-mument tal-prenotazzjoni tat-titjira.

35 F'dan is-sens, it-tieni sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 tipprevedi, barra minn hekk, li l-komponenti tal-prezz finali li għandu jitħallas mill-klijent ikunu, minbarra n-noll tal-ajru jew ir-rata tal-ajru, l-assjem tat-taxxi, il-ħlasijiet, il-ħlasijiet addizzjonali u d-drittijiet applikabbli "prevedibbli fid-data tal-pubblikazzjoni".

36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata risposta għall-ewwel domanda li t-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 għandha tiġi interpretata fis-sens li, fil-pubblikazzjoni tan-nollijiet tal-ajru tagħhom, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jispeċifikaw, b'mod separat, l-ammonti dovuti mill-klijenti bħala taxxi, ħlasijiet tal-ajruport kif ukoll ħlasijiet oħra, ħlasijiet addizzjonali u drittijiet imsemmija taħt il-punti (b) sa (d) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament u ma jistgħux, konsegwentement, jinkludu, anki jekk in parti, dawn l-elementi fin-noll tal-ajru, imsemmi fil-punt (a) tal-imsemmija dispożizzjoni.

Fuq it-tieni domanda

37 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob essenzjalment jekk l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 93/13 tista' twassal li klawżola li tidher

fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ, li tippermetti li jiġu ffatturati spejjeż ta' pproċessar distinti lill-klijenti li ma jkunux ħadu titjira jew li jkunu kkanċellaw il-prenotazzjoni tagħhom, tista' tiġi ddikjarata nulla.

38 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-punt 5.2 tal-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ, li jipprevedi l-ħlas ta' EUR 25 għal kull passiġġier u għal kull prenotazzjoni bħala spejjeż ta' pproċessar fil-każ tal-kanċellament ta' prenotazzjoni ta' titjira b'noll ekonomiku jew ta' nuqqas ta' imbark ta' tali titjira, jiżvantaġġa b'mod indebitu lill-klijenti ta' Air Berlin u huwa, konformement mal-Artikolu 307(1) tal-BGB, bla effett.

39 Il-qorti tar-rinviju tispeċifika wkoll li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 307(1) tal-BGB u l-ewwel punt tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 307 tal-BGB jittrasponu, fid-dritt Ġermaniż, l-Artikolu 3(1) u l-ewwel parti tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13.

40 F'dan ir-rigward, Air Berlin issostni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li, sabiex il-klawżola fil-punt 5.2 tal-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ titqies li hija inġusta, il-qrati Ġermaniżi tal-ewwel istanza u tal-appell ibbażaw ruħhom esklużivament fuq id-dritt nazzjonali u mhux fuq id-dritt tal-Unjoni.

41 Għandu jitfakkar li, fil-kuntest ta' rinviju preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja biss hija awtorizzata tagħti deċiżjonijiet fuq l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tas-sitwazzjoni fattwali u legali kif deskritta mill-qorti tar-rinviju, sabiex tagħti lil din tal-aħħar l-informazzjoni utli għas-soluzzjoni tal-kawża li tkun tressqet quddiemha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' April 2017, A-Rosa Flussschiff, C-620/15, EU:C:2017:309, punt 35).

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tingħata risposta għat-tieni domanda preliminari billi wieħed jitlaq mill-premessa, li hija dik tal-qorti tar-rinviju, li tgħid li l-leġiżlazzjoni nazzjonali intiża li tipproteġi l-konsumaturi kontra l-prattiki abbużivi, jiġifieri l-Artikolu 307 tal-BGB, li abbażi tiegħu l-klawżola li tinsab il-punt 5.2 tal-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ hija meqjusa mill-qorti tar-rinviju li hija inġusta, hija bbażata fuq id-dritt tal-Unjoni billi din il-leġiżlazzjoni tittrasponi d-Direttiva 93/13.

43 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fid-dawl tas-sentenza tat-18 ta' Settembru 2014, Vueling Airlines (C-487/12, EU:C:2014:2232). hemmx lok li jitqies li l-libertà rrikonoxxuta lit-trasportaturi tal-ajru li jistabbilixxu n-nollijiet tal-ajru skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 tipprekludi li leġiżlazzjoni nazzjonali, li tittrasponi d-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, milli tkun applikabbli għal tali klawżola.

44 Mingħajr il-ħtieġa li tingħata deċiżjoni fuq jekk l-ispejjeż tal-ipproċessar b'rata fissa previsti mill-klawżola li tinsab fil-punt 5.2 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ jaqgħux taħt il-kunċett "noll tal-ajru", fis-sens tar-Regolament Nru 1008/2008, u, konsegwentement, jekk din il-klawżola tistax tibbenefika mil-libertà ta' tarifikazzjoni ddikjarat fl-Artikolu 22(1) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 93/13, konformement mal-Artikolu 1(1) tagħha, għandha bħala għan li tapprossima d-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri relatati ma' klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi bejn fornitur u konsumatur. Din hija, għalhekk, direttiva ġenerali għall-protezzjoni tal-konsumaturi, li għandha bħala vokazzjoni li tkun applikabbli fl-oqsma kollha tal-attività ekonomika. L-għan ta' din id-direttiva ma huwiex li tillimita l-libertà ta' tarifikazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru, iżda hija intiża li tobbliga l-Istati Membri jipprevedu mekkaniżmu li jiżgura li n-natura possibbilment inġusta ta' kull klawżola kuntrattwali li ma kinitx ġiet innegozjata individwalment tkun tista' tiġi mistħarrġa għall-finijiet tal-protezzjoni li għandha tingħata lill-konsumatur minħabba l-fatt li dan jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità fil-konfront tal-fornitur kemm fir-rigward tas-setgħa ta' negozjati kif ukoll fir-rigward tal-livell ta' informazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Matei, C-143/13, EU:C:2015:127 punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 F'dan il-kuntest, in-non-applikabbiltà tal-imsemmija direttiva fil-qasam tas-servizzi tal-ajru rregolata mir-Regolament Nru 1008/2008 ma tistax tiġi aċċettata ħlief bil-kundizzjoni li tkun prevista b'mod ċar mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament. Issa, la l-formulazzjoni tal-Artikolu 22 tal-imsemmi Regolament Nru 1008/2008 dwar il-libertà tal-ipprezzar, lanqas id-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-imsemmi regolament ma jippermettu tali konklużjoni, minkejja li d-Direttiva 93/13 kienet diġà fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tal-istess regolament.

46 Lanqas ma jista' jiġi dedott mill-għan imfittex mill-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 li l-kuntratti tat-trasport bl-ajru ma jkunux suġġetti għall-osservanza tar-regoli ġenerali li jipproteġu l-konsumaturi kontra l-klawżoli inġusti.

47 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ġustament tirrileva li l-libertà ta' tarifikazzjoni prevista fl-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1008/2008 hija l-qofol tal-eliminazzjoni progressiva ta' kontrolli fuq il-prezzijiet eżerċitati mill-Istati Membri sabiex jiftħu l-qasam għall-kompetizzjoni. Kif irrileva l-Avukat Ġenerali Bot fil-punt 27 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Vueling Airlines (C-487/12, EU:C:2014:27), il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-ajru kellha bħala għan li twassal għal iktar diversifikazzjoni tal-offerta kif ukoll għal tarifikazzjoni iktar baxxa għall-benefiċċju tal-konsumaturi. B'dan il-mod, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2409/92, tat-23 ta' Lulju 1992, dwar nollijiet u rati għal servizzi tal-ajru (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 427), imħassar permezz tar-Regolament Nru 1008/2008, indika fil-ħames premessa tiegħu li huwa xieraq li "l-libertà tal-prezzijiet tkun ikkumplimentata b'salvagwardji xierqa għall-interessi tal-konsumaturi u l-industrija".

48 Is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2014, Vueling Airlines (C-487/12, EU:C:2014:2232) ma tistax twassal għal konklużjoni differenti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 jipprekludi leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża, li jkollha bħala għan li tobbliga, fiċ-ċirkustanzi kollha, lit-trasportaturi tal-ajru jittrasportaw il-bagalji rreġistrati tal-passiġġieri tagħhom mingħajr ma jitolbu ħlas addizzjonali fil-prezz għal dan it-trasport. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddikjarat imkien li l-libertà ta' tarifikazzjoni tipprekludi, b'mod ġenerali, l-applikazzjoni tar-regoli kollha tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni, b'mod partikolari, tar-regoli adottati fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jirregolaw l-aspetti relatati mal-kuntratt tat-trasport tal-ajru, b'mod partikolari bil-għan li jipproteġu lill-konsumaturi kontra prattiki abbużivi, bir-riżerva li ma jikkontestawx id-dispożizzjonijiet tariffarji tar-Regolament Nru 1008/2008 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2014, Vueling Airlines, C-487/12, EU:C:2014:2232, punt 44).

49 Għalhekk ma huwiex possibbli li jiġi dedott mis-sentenza msemmija li l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, bħal ma huma dawk tad-Direttiva 93/13.

50 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-libertà ta' tarifikazzjoni tas-servizzi tal-ajru ġewwa l-Unjoni, stabbilita fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1008/2008, ma timpedixxix l-applikazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni nazzjonali għall-klawżoli tal-kuntratti tat-trasport tal-ajru.

51 Risposta bil-kontra twassal li ċċaħħad lill-konsumaturi mid-drittijiet li jirriżultaw mid-Direttiva 93/13 fil-qasam tal-libertà ta' tarifikazzjoni tas-servizzi bl-ajru, u li tippermetti li t-trasportaturi tal-ajru jkunu jistgħu, fl-assenza ta' kwalunkwe kontroll, jinkludu fil-kuntratti konklużi mal-passiġġieri klawżoli inġusti dwar it-tarifikazzjoni.

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata risposta għat-tieni domanda li l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 93/13 tista' twassal li klawżola li

tidher fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ, li tippermetti li jiġu ffatturati spejjeż ta' pproċessar distinti lill-klijenti li ma jkunux ħadu titjira jew li jkunu kkanċellaw il-prenotazzjoni tagħhom, tista' tiġi ddikjarata nulla.

Fuq l-ispejjeż

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **It-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Settembru 2008, dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità, għandha tiġi interpretata fis-sens li, fil-pubblikazzjoni tan-nollijiet tal-ajru tagħhom, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jispeċifikaw, b'mod separat, l-ammonti dovuti mill-klijenti bħala taxxi, ħlasijiet tal-ajruport u ħlasijiet oħra, ħlasijiet addizzjonali u drittijiet imsemmija fil-punti (b) sa (d) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-regolament, u ma jistgħux, konsegwentement, jinkludu, anki jekk in parti, dawn l-elementi fin-noll tal-ajru, imsemmi fil-punt (a) tat-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tal-imsemmi regolament.**

2) **L-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1008/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, tista' twassal li klawżola li tidher fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ, li tippermetti li jiġu ffatturati spejjeż ta' pproċessar distinti lill-klijenti li ma jkunux ħadu titjira jew li jkunu kkanċellaw il-prenotazzjoni tagħhom, tista' tiġi ddikjarata nulla.**

Firem